MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Numru 473/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Nezren Grixti**
**V**

**JASON JAMES AGIUS**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JASON JAMES AGIUS** ta’ erbgha w tletin sena bin Joseph u Mary Doris nee Vella, imwieled l-Ingilterra nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 1974 u residenti 1, Triq San Frangisk, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 229590M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Mejju 2008, fil-hinijiet ta’ bejn s-sebgha w nofs ta’ filghaxija w t-tmienja w nofs ta’ filghaxija, matul il-loghba football bejn Hamrun kontra Birkirkara fl-Istadium Nazzjonali ta’ Ta’ Qali, b’diversi atti maghmulin minnu, b’risoluzzjoni wahda,

offenda l-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jghamlu reat, wkoll jekk dik il-gemgha ta' nies ma kienetx giet imxewxa minn hadd partikolari;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwex lil persuni ohra sabiex jiksru l-ligi;
4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwex persuni ohra sabiex jaghmlu reat;
5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m,'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe diversi membri tal-Korp tal-Pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jekk, indahal fi dmirhom, billi ma hallix lil haddiehor u cioe lil istess membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;
6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika;
7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza kliem offensive lejn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija u membri tal-pubbliku jew gab ruhu abbuzivament;
8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser voluntarjament l-bon ordni w il-paci pubblika.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta billi tinfliggi l-piena massima u tordna lil imsemmija persuna li ma jattendix fi *sports grounds* ghal perjodu massimu permess mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Mejju 2008 esibita bhala Dok. CSH 1, l-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 2, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat esibit bhala Dok. CSH 3 w il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta liema dokument huwa mmarkat bhala Dok. CSH 4.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-ezami mizmum illum ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghaldaqstant, **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati u cioe l-artikoli 209, 68(2), 70, 69, 338(ee), 338(bb), 338(dd), 342 tal-Kap 9 u l-artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta**, tiddikjara li ssib lil imputat JASON JAMES AGIUS hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ elf mija u sittin [1160] Euro.**

**Oltre dan qed tipprojbixxi lil imputat milli jersaq lejn kwalsiasi *ground* tal-*football* ghal perjodu kollu tal-istagun 2008/2009.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------